MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Kongunt Numru. 168/2015

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti Marquita Zammit, li permezz tieghu il-partijiet ippremettew:

1. Illi huma izzewgu permezz ta’ rit civili f’San Giljan fit-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru progessiv ta’ mija sitta u erbghin tas-sena elfejn u hamsa (146/2005) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom, twieled Fabian Lauri, li illum il-gurnata ghandu tmien (8) snin;
3. Illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment fi Frat tas-sena elfejn u hdax (2011), u konsegwentement isseparaw permezz ta’ kuntratt

ta’ separazzjoni bonarju ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Kristell Chircop LL.D. fis-sitta (6) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) (kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B), u li permezz tieghu r-rikorrenti Zammit kienet ghazlet li taddotta kunjom xbubitha “Zammit”;

4. Illi l-esponenti jiddikjaraw illi m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll illi m’hemm assolutament l-ebda kwistjoni ta’ manteniment dovut bejniethom;
6. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata divorzju;
7. Illi l-partijiet ftehmu illi l-ispejjez kollha legali u gudizzjarji jkunu a karigu esklussiv ta’ Marquita Zammit;
8. Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;
(3) Tordna illi l-ispejjez kollha ta’ din il-procedura, kemm legali kif ukoll gudizzjarji jkunu a karigu ta’ Marquita Zammit;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ April, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-6 ta’ Frar, 2012, izda ilhom de facto separati minn Frar 2011;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------